# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2025**

**Numru 12**

**Rikors Numru 137/2025**

**Mary Rose Rosso (K.I 654651M) u Desiree Marie Grech Rosso (K.I. 152889M)**

**vs**

**(i) l-Avukat tal-iStat,**
**(ii) l-Avukat Ġenerali, u**
**(iii) l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Mary Rose Rosso u Desiree Marie Grech Rosso (ir-rikorrenti) tal-10 ta' April 2025 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi l-esponenti huma tnejn il-mara u bint il-mibki Albert Brian Rosso (Ara **Dok A** u **Dok B** hawn annessi.)
2. Illi l-istess Albert Brian Rosso ġiet rrapurtat nieqes mir-rikorrenti Mary Rose fl-10 t'Ottubru 2005**.**
3. Illi fit-23 t'Ottubru 2005, permezz ta' rikors, l-iSpettur Chris Pullicino informa lill-Maġistrat tal-Għassa, li wara li Albert Brian Rosso kien ġie rrapurtat nieqes fl-10 t'Ottubru 2005, il-pulizija waslet għall-arrest ta' Anthony Bugeja u Piero di Bartolo. Fl-istess rikors, l-iSpettur talab lill-Maġistrat tiftaħ ir-reġistru sabiex il-pulizija setgħet takkuża lill-istess individwi bil-qtil ta' Albert Brian Rosso.

**4.** Illi dakinhar stess tressqu Anthony Bugeja u Piero di Bartolo, akkużati, fost affarijiet oħra, bil-qtil tal-istess Albert Brian Rosso u bil-ħabi tal-kadavru tal-istess Albert Brian Rosso. Entrambi l-akkużati wieġbu mhux ħatja għall-akkużi miġjuba kontrihom.

**5.** Illi l-istess Anthony Bugeja u Piero di Bartolokienu rrilaxxjaw diversi stqarrijiet, uħud minnhom mingħajr id-debita twissija tad-dritt għas-silenzju. Fl-aħħar stqarrijiet, ikkonfrontati b'inkosistenzi fl-istqarrijiet preċedenti, huma ammettew illi kienu qatlu lil Brian Rosso fl-10 t'Ottubru 2005 fil-garaxx ta' Anthony Bugeja, tefgħuh il-baħar, abbandunaw il-vann tiegħu ftit 'il bogħod mir-residenza tal-istess Anthony Bugeja u remew iċ-ċwievet tal-vittma Albert Brian Rosso (tal-karozza u l-mazz l-ieħor) il-Qajjenza. **Dawn l-istqarrijiet ġew ikkonfermati mis-suspettati bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Jacqueline Padovani Grima**. Piero Di Bartolo kien wera lill-pulizija fejn kienu tefgħu mazz taċ-ċwievet, **u dawn fil-fatt instabu fil-post.**

**6.** Illi saħansitra, fis-26 t'Ottubru 2005, jiġifieri wara li dawn ġew mressqa u akkużati quddiem l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti

Struttorja, inżamm aċċess fuq il-baħar waqt il-kumpilazzjoni tal-provi, fil-preżenza tal-imputati. Waqt dan l-aċċess**, l-imputat Piero di Bartolo indika lil Qorti l-lok fejn kien ġie mitfuħ il-baħar il-katavru ta' Albert Brian Rosso** . Dan nonostante, il-kadavru xorta baqa' ma nstabx.

**7.** Illi fl-**10 ta' Novembru 2005**, il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, ddeċidiet illi kien hemm biżżejjed provi *prima facie* sabiex toħroġ Att ta' Akkuża kontra Anthony Bugeja u Piero di Bartolo.

**8.** Illi l-iStat iddikjara li m'għandux iktar provi fil-konfront tal-akkużati fl-**14 t'April 2008.**

**9.** Illi l-Att ta' Akkuża bin-numru 9 tal-2008, kif korretta b'digriet tal-Qorti Kriminali tas-27 t'Ottubru 2008, akkużat lil Anthony Bugeja bħala l-prinċipal fid-delitt u lil Piero di Bartolo bħala kompliċi tiegħu.

**10.** Illi b'sentenza tat-**22 ta' Gunju 2022**, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri konġunta tal-akkużati u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Frar 2022 fejn kien ġie deċiż u ordnat illi l-istqarrijiet u d-dikjarazzjonijiet kollha tal-akkużati u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għalihom għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli u għalhekk sfilzati mill-atti proċesswali (Ara sentenza annessa bħala **Dok C**).

**11.** Illi il-ġuri (*Repubblika ta' Malta vs Anthony Bugeja u Piero di Bartolo)* ġie appuntat **f'Gunju 2023** u ġie fi tmiemu bil-liberazzjoni tal-akkużati fis-17 ta' Gunju 2023.

**12.** Illi waqt l-istess ġuri rriżulta li waħda mir-raġunijiet għaliex il-kadavru baqa' ma nstabx kienet għaliex l-area fejn kien

intefa' l-kadavru – hekk skont l-akkużat stess - kien qiegħed jintuża' bħala *illegal dumping site* ta' debris tal-kostruzzjoni. Dan ifisser illi nonostante t-tfittxija għal vittma ta' qtil fl-area in kwistjoni, l-*illegal dumping* ma twaqqafx mill-awtoritajiet konċernati, bir-riżultat illi l-kadavru qatt ma nstab.

**13.** Illi b'hekk dawk responsabbli għall-qtil tal-mibki Albert Brian Rosso ma rrispondewx għal għemilhom u l-familja baqgħet mingħajr risposti u konsegwentement, mingħajr ġustizzja.

**14.** Illi sal-ġurnata tal-lum, għadu ma nħariġx iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Albert Brian Rosso. Dan il-fatt intuża mill-akkużati sabiex jargumentaw illi ma hemmx prova tal-mewt tal-mibki Albert Brian Rosso, u allura ma jista' jkun hemm ebda prova tal-qtil tiegħu.

**15.** Illi huwa asserit li dan l-eżitu huwa kaġun tat-trapass ta' żmien, flimkien ma' nuqqasijiet oħra fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-każ, illi lkoll ser jiġu ampjament ippruvati fil-mori tal-kawża.

**<u>Raġunijiet għat-talbiet:</u>**

**A) <u>Dewmien</u>**

11. Illi huwa ben magħruf illi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem rifless ukoll fl-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li t-tnejn jipproteġu d-dritt tal-ħajja, jinkirpora fih mhux biss id-dritt illi l-iStat ma jieħux ħajjet in-nies u li jipproteġi l-istess ħajja, iżda wkoll illi meta jkun hemm qtil, tali qtil jiġi **investigat fil-pront u li tali investigazzjoni tipproċedi bi speditezza raġjonevoli**.

12. Illi l-esponenti umilment jemmnu li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-akkużati ma mxietx bl-ispeditezza raġjonevoli, tant illi l-ġuri ta' dawk akkużati bil-qtil ta' Albert Brian Rosso ġie appuntat **tmintax-il sena wara li safa maqtul**. Dan it-trapass ta' żmien (kważi żewġ dekannji!) dejjem kien ser iwassal għal sitwazzjoni fejn *inter alia* xhieda pajżana, kif ukoll investigaturi u individwi oħra li segħtu jirrelataw dwar kwalunkwe aspett tal-każ jinsew il-fatti relattivi u b'hekk l-evidenza tintilef. Għalhekk, iż-żmien li ħadet l-investigazzjoni sabiex wasslet għall-prosekuzzjoni mhux biss immina l-istess investigazzjoni iżda kkomprometta serjament il-possibbilita` li dik l-investigazzjoni tasal għall-konklużoni dwar ir-responsabbilita` għall-qtil ta' Albert Brian Rosso.

13. Illi għalhekk, iż-żmien irraġjonevoli li ħadet l-investigazzjoni, huwa l-ewwel binarju fuq liema l-esponenti jemmnu li l-iStat naqas fl-obbligi tiegħu emanenti mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u 33 tal-Kostituzzjoni.

**B) Inadegwatezza tal-investigazzjoni u nuqqasijiet serji da parti tal-prosekuzzjoni**

14. Illi in oltre, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, investigazzjoni ma tistax tiġi meqjusa bħala adegwata fl-assenza ta' sforzi investigattivi **serji** u **ġenwini** meħuda bl-intiża li jiġi determinat minn kien il-kummissjonarju tal-qtil. Dan ifisser illi l-awtoritajiet kellhom jieħdu kwalunkwe miżuri neċessarji sabiex jassiguraw il-ġbir u analiżi tal-evidenza dwar il-qtil inkluż (iżda mhux limitatament għal) testimonjanza, prova forensika, awtopsja li tagħti rekord u xenarju komplet tal-inġurji u analiżi oġġettiva tal-konklużjonijiet, inkluż dwar il-kawża tal-mewt.[1] Partikolarment, il-konklużjonijiet ta' investigazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq **analiżi oġġettiva, imparzjali u magħmula**

---

[1] ***Armani Da Silva v. the United Kingdom***

**bir-reqqa mistħoqqa** tal-elementi kollha relevanti. Fejn l-awtoritajiet jonqsu milli jsegwu linja ta' inkjesta li hija ovvja dan jimmina l-abbilita` tal-investigazzjoni sabiex tistabbilixxi iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-identita` ta' dawk responsabbli.[2]

15. Illi l-esponenti jemmnu li l-investigazzjoni fil-każ tal-qtil tal-mibki Albert Brian Rosso ma kinitx adegwata u dan għal diversi raġunijiet illi ser jiġu ppruvati fil-mori tal-kawża, u għalhekk ma kinitx tissodisfa l-obbligi pożittivi tal-iStat fir-rigward tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni.

16. Illi in oltre, anke l-prosekuzzjoni tal-akkużati min-naħa tal-awtoritajiet ma kienx sodisfaċenti, u dan għal diversi raġunijiet li ser jiġu trattati fil-kors tal-kawża.

17. Illi fost ir-raġunijiet għalfejn l-akkużati ma ġewx misjuba ħatja kienet minħabba l-fatt illi b'sentenza tat-22 ta' Gunju 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni ulterjuri konġunta tal-akkużati u kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fejn ġie ordnat illi l-istqarrijiet kollha tal-akkużati – li kienu jikkontjenu ammissjoni ċara ta' responsabbilita` għall-qtil - u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għalihom għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli u dan minħabba nuqqas ta' implementazzjoni ta' sistema li tagħti d-dritt għall-interogazzjoni fil-presenza ta' avukat, u dan bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan in-nuqqas huwa attriwibilli lill-Istat.

**<u>Elementi speċifiċi għall-għejbien ta' persuni</u>**

18. Illi fil-kuntest ta' għejbien, l-każistika tal-Qorti Ewropea tgħid li għejbien għandu jigi ikkunsidrat bħala fenomenu distint, li huwa ikkaratteriżżat minn sitwazzjoni kontinwa ta' inċertezza u nuqqas ta' responsabbiltà, nuqqas ta' informazzjoni jew saħansitra ħabi u offuskament intenzjonali li jtawwal l-qsim ta'

[2] ***Mustafa Tunç and Fecire Tunç v. Turkey***

qalb tal-qraba tal-vittma.. Għalhekk, f'każijiet bħal dawn, l-obbligu proċedurali, potenzjalment, jibqa' jippersisti sakemm tibqa' s-sitwazzjoni tal-għejbien. In-nuqqas kontinwu li ssir investigazzjoni serja titqies bħala ksur kontinwu. Dan hu hekk, anke fejn il-mewt tista', eventwalment, tiġi preżunta. Il-preżunzjoni tal-mewt lanqas għadha stabbilita f'dan il-kaz għalhekk żdiedet l-agonija tal-qraba tiegħu, l-esponenti. Apparti l-fatt li n-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-mewt tal-vittma ġiet użata bħala arma mid-difiża kontra s-sejbin ta' htija da parti tal-akkużati.

**C) Nuqqas ta' Ġustizzja**

19. Illi l-fatti ġa imsemmija wasslu għal sitwazzjoni fejn l-esponenti qatt ma ngħataw il-*closure* li tant kellhom bżonn wara t-traġedja tal-qtil tal-qarib tagħhom. U dan apparti l-fatt illi issa tmintax-il sena wara l-qtil, meta l-maġġoranza tal-evidenza li seta' kien hemm żgur sfat fix-xejn, u wara li x-xhieda li possibiliment setgħu jitfgħu dawl fuq dak illi ġara nesew dak illi possibbilment kellhom xi jgħidu (jekk ukoll ma mietux), jidher illi ħadd ma hu ser jerfa' r-responsabbilita` tal-qtil, ħadd m'hu ser jagħti kont ta' għemilu u l-familja ser tibqa' mingħajr ġustizzja.

20. Illi l-esponenti jissottomettu li huwa biżżejjed illi jiġi sottomess illi l-kadavru ta' Albert Brian Rosso baqa' ma nstabx u dan minkejja l-fatt illi kien ġie indikat mill-akkużati fejn ken intefa' u dan, skont l-esperti tal-Qorti tal-Maġistrati stess għall-inqas parzjalment minħabba l-fatt illi anke wara l-qtil u l-indikazzjoni tal-post tal-tfugħ tal-kadavru, l-area tal-baħar indikata baqgħet tintuża bħala *dumping site* ta' debris ta' kostruzzjoni. Dan wassal sabiex kwalunkwe sforzi tal-awtoritajiet u esperti sabiex jinstab Brian Rosso, kienu futili. U ta' dan, għandu wkoll jirrispondi l-iStat.

Għaldaqstant l-esponenti jisħqu li l-fatti hawn fuq esposti jammontaw għal vjolazzjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan għal diversi raġunijiet li lkoll ser jiġu ppruvati fil-mori ta' din il-kawża.

**Talbiet**

In vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, li din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara li l-fatti suesposti, u kif ser jiġu ppruvati fil-mori tal-kawża, jammontaw għal vjolazzjoni proċedurali *(procedural limb)* tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tillikwida kumpens adegwat għal tali vjolazzjoni fid-dawl tal-fatt illi l-esponenti qatt ma jistgħu jitpoġġew fl-istatus quo ante tal-vjolazzjoni;

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jħallsu l-kumpens hekk likwidat lill-esponenti liema ħlas għandu jiġi ordnat illi jsir fi żmien fiss u perentorju stabbilit mill-Qorti;

4. Tagħti kull ordni u direttiva li jidrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi sabiex l-esponenti jingħataw rimedju kemm jista' jkun effettiv għall-vjolazzjoni lampanti tad-drittijiet tagħħom.

   Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija (l-intimati) tal-24 ta' April 2025 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

> Illi b`din il-kawża, ir-rikorrenti qegħdin jallegaw vjolazzjoni proċedurali (*procedural limb*) tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti talbu sabiex jiġi likwidat kumpens adegwat għal tali vjolazzjoni fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti qatt ma jistgħu jitpoġġew fl-istat quo ante tal-vjolazzjoni. Talbu wkoll li din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lil intimati jew min minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat, liema ħlas skont ir-rikorrenti għandu jiġi ordnat illi jsir fi żmien fiss u perentorju stabbilit mill-Qorti. Talbu wkoll li din l-Onorabbli Qorti tagħti kull ordni u direttiva li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi sabiex ir-rikorrenti jingħataw rimedju kemm jista' jkun effettiv għall-vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom, bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.
>
> Illi ibda biex l-esponenti jagħmluha ċara li huma sensittivi għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti fejn tilfu membru għażiż tal-familja tagħhom f`ċirkostanzi traġiċi u dolorużi u jista' jinftiehem is-sens ta` dispjaċir li l-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Anthony Bugeja u Piero di Bartolo ma ġewx konklużi bil-mod li xtaqu r-rikorrenti u l-esponenti, minkejja l-isforzi kbar magħmulha mill-esponenti f'dan ir-rigward.
>
> Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-ragunijiet segwenti li qed jitressqu mingħajr preġudizzju għal xulxin:
>
> 1. Illi *in linea* preliminari, l-esponenti Avukat Ġenerali m'hijiex il-leġittima kontradittriċi sabiex twieġeb għall-ilment kif impustat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħhom;
>
> 2. Illi in *linea* preliminari ukoll, l-esponenti jeċepixxu li r-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji a disposizzjoni tagħhom u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha u dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Illi jeħtieġ li r-rikorrenti juri li għandhom l-interess ġuridiku u l-*victim status* meħtieġ sabiex huma jressqu kawża ibbażata fuq l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem;

4. Illi r-rikorrenti jeħtieġu li jipprovaw wkoll li l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem attwalment japplikaw għall-każ odjern;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li dawn l-imsemmija Artikoli japplikaw għall-każ odjern, hekk kif ser jintwera fil-mori tal-proċeduri odjerni, m'huwiex minnu li l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-akkużati ma mxietx bl-ispeditezza raġjonevoli. Il-Pulizija Eżekuttiva wettqet id-dmirijiet tagħha skont il-liġi fil-kors tal-investigazzjoni tal-għejbien ta' Albert Brian Rosso u minkejja l-kumplessità tal-każ, għamlet dak kollu li setgħet sabiex tressaq lill-akkużati quddiem l-awtorità ġudizzjarja minnufih fil-mument li kien hemm biżżejjed raġunijiet biex takkuża lill-akkużati;

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa assolutament mhux minnu li kien hemm nuqqasijiet serji da parti tal-prosekuzzjoni fl-investigazzjoni tal-għejbien ta' Albert Brian Rosso. Kif ser jirriżulta fil-mori tal-proċeduri, il-Pulizija Eżekuttiva wettqet investigazzjoni effettiva u adegwata, u minkejja d-diffikultajiet kbar li rriskontraw, wasslu biex is-suspettati Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo jitressqu bħala akkużati għall-qtil ta' Albert Brian Rosso flimkien ma' akkużi oħra. Wieħed ma jistax jevalwa kemm investigazzjoni kienet effettiva biss b'referenza għal jekk l-istess investigazzjoni attwalment wasslitx għas-sejbien ta' ħtija tal-akkużati. Fuq kollox, wieħed għandu jiftakar li l-ġuri kien proċess avversarju fejn iż-żewġ naħat ressqu l-provi u l-argumenti favur u kontra it-teżijiet rispettivi tagħhom u l-ġudizzju finali tħalla f'idejn l-imħallfin tal-fatt, ossia l-ġurati. Ta' min ifakkar ukoll li l-Pulizija kellha f'idejha l-prova reġina u ċioe' stqarrijiet ta' Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo u fejn sussegwentement l-Onorabbli Qorti Kriminali[3] qieset li minkejja li l-akkużati kien ingħataw t-twisssija, intqal lilhom li huma għandhom d-dritt li ma jgħidu xejn, iżda jekk jagħżlu li jgħidu xi ħaġa tista' tinġieb

[3] Deċiża fil-15 ta' Frar 2022 (Att ta' Akkuża numru 9/2008)

bħala prova kontrihom, qieset li jista' jkun jkun hemm preġudizzju kontra l-akkużati, speċjalment meta min hu imsejjaħ biex jiġġudika jara t-tweġibiet minnhom mogħtija fl-istqarrijiet tagħhom u meta huma ma kellhom jedd għall-ebda difiża. Għalhekk iddeċidiet li fir-rigward tal-istqarrijiet tal-akkużati u kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għalihom għandhom jiġu ddikjarati inammissibli u għalhekk sfilzati mill-atti proċesswali. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.[4] Dan kien riżultat ta' żvilupp fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jitratta stqarrijiet rilaxxati minn suspettati u d-dritt għal smiegħ xieraq. Il-Prosekuzzjoni ressqet il-provi kollha li kellha riżultat ta' investigazzjoni metikoluża li saret, fejn **l-istqarrijiet tal-akkużati ma kienux l-uniċi provi kontra l-istess akkużati.** Ma huwiex il-każ li l-investigazzjoni kienet inadegwata jew li kien hemm nuqqasijiet da parti tal-prosekuzzjoni kif qegħdin jallegaw ir-rikorrenti. Wieħed ma jistax jevalwa kemm investigazzjoni kienet effettiva biss b'referenza għal jekk l-istess investigazzjoni attwalment wasslitx sabiex jinstab il-kadavru ta' Albert Brian Rosso jew għas-sejbien ta' ħtija tal-akkużati;

7. Illi jingħad ukoll li l-Pulizija Eżekuttiva wettqet investigazzjoni metikoluża tant li bis-saħħa tal-istess investigazzjoni, tressqu Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo bħala l-persuni akkużati bil-qtil ta' Albert Brian Rosso u dan ftit jiem wara l-għejbien tal-istess Albert Brian Rosso, bl-Avukat Ġenerali jintavola l-att ta' Akkuża biss ċirka tlett snin wara. Illi fl-aħħar mill-aħħar, irid jingħad li **kienet id-difiża stess tal-akkużati li ikkontribwit direttament biex il-proċeduri jieħdu ż-żmien tagħhom.** Għaldaqstant, l-ilment tar-rikorrenti in kwantu jittratta allegat żmien irraġonevoli li ħadet l-investigazzjoni ma tistax tirnexxi;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u f'każ li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li dawn l-imsemmija Artikoli japplikaw għall-każ odjern, l-esponenti jeċepixxu li l-obbligu prinċipali naxxenti mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni huwa li l-Istat ikollu qafas legali sabiex jirregola l-użu tal-forza mill-aġenti tal-Istat. Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti li l-liġi nostrana tissodisfa dan l-obbligu peress illi l-Kodiċi Kriminali jipprovdi għall-piena ħarxa marbuta mar-reat ta' omiċidju li ċertament li huwa deterrent biżżejjed għall-

[4] Deċiża fit-22 ta' Ġunju 2022 (Att ta' Akkuża numru 9/2008)

kummissjoni ta' tali reat u sabiex jipprevjeni u jwaqqaf, filwaqt li jippenalizza l-kummissjoni ta' tali reat. Barra minn hekk, it-tieni element naxxenti mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni huwa r-rispett lejn il-ħajja u li per konsegwenza f'każ li jseħħ delitt, l-Istat huwa obbligat li jikkonduċi investigazzjoni effettiva li tkun magħmula b'mod metikoluz u imparzjali u dan għal għan aħħari li jkun jista' jiġi identifikat min huwa responsabbli għad-delitt sabiex jirrispondi għal tali aġir quddiem il-qrati. Għalhekk l-obbligu tal-Istat huwa fost affarijiet oħra, li jekk ikun hemm biżżejjed provi, jitressaq quddiem il-Qorti kull min kien involut li wettaq ir-reat. L-Istat huwa obbligat ukoll li jfittex u jiġbor l-evidenza li tiċċirkonda l-inċident billi jiġu mitkellma x-xhieda okulari, tinġabar u tiġi analizzata evidenza forensika u kif ukoll li ssir l-awtopsja fuq il-vittma sabiex tiġi stabbilita r-raġuni preċiża tad-deċess. Illi l-fatt li l-katavru tal-vittma ma nstabx u għalhekk ma saritx awtopsja, wieħed irid jinterpreta dan fil-kuntest li l-akkużati kienu ammettew fl-istqarrija tagħhom li qatlu lill-vittma u li ramew lill-vittma fil-baħar b'mażżra. Illi għalhekk fl-istadju tal-investigazzjoni u l-kumpilazzjoni qatt ma jista' jiġi allegat ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Jingħad ukoll li fil-każ in diżamina, tant l-Istat wettaq dawn l-obbligi imsemmija li meta l-pulizija kellhom dik l-informazzjoni u l-evidenza neċċesarja, ressqu l-Qorti s-suspettati bl-omiċidju ta' Albert Brian Rosso. Kif ser jirriżulta waqt is-smigħ ta` din il-kawża, kien biss minħabba raġunijiet li ċertament ma kienux fil-kontroll tal-Istat Malti, li l-akkużati ma nstabux ħatja b'verdett ta' sebgħa kontra tnejn;

9. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li dak li huwa kruċjali biex tiġi determinata kwistjoni dwar jekk l-Istat issodisfax l-obbligazzjonijiet pożittivi tiegħu huwa proprju li jkun hemm l-obbligu ta` investigazzjoni mill-awtoritajiet u qafas ġudizzjarju bl-għan li min hu responsabbli jiġi investigat u jitressaq il-Qorti biex jaffaċċja l-ġustizzja. Ikun hemm vjolazzjoni tal-obbligi pożittivi tal-Istat biss jekk tiġi ppruvata passività assoluta mill-Istat biex tittieħed azzjoni effettiva. Il-fatti fil-mertu jikkonfermaw li l-Istat Malti ma kienx passiv u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;

10. Illi l-esponenti dejjem aġixxew *in linea* u fil-parametri tal-liġi, u b'ħarsien sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-persuni involuti,

inkluż l-interessi tal-vittmi u għalhekk ma wettqu l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

11. Illi bla ħsara għall-premess, il-pretensjonijiet, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;

12. Illi l-esponenti umilment jissottomettu illi r-rikors promotur ma jipprovdix biżżejjed informazzjoni sabiex huma jkunu f'pożizzjoni li jiddefendu l-allegazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti b'mod komprensiv u eżawrjenti, u in vista ta' dan, qed jirriżervaw li jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri f'każ li r-rikorrenti jipprovdu iżjed informazzjoni dwar il-lanjanza tagħhom.

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost, ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti u dokumenti kollha fir-rikors.

Qrat u semgħet ix-xhieda tal-persuni prodotti mill-partijiet fil-perkors tas-smiegħ.

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Mary Rose Rosso u Desiree Marie Grech Rosso huma rispettivament il-mara u l-bint ta' Albert Brian Rosso li ġie rraportat nieqes fl-10 ta' Ottubru 2005.

Il-Pulizija waslu għall-arrest ta' Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo. Dan ġie rapportat lill-Maġistrat tal-Għassa u li ġiet mitluba tiftaħ ir-reġistru tal-Qorti

sabiex il-Pulizija setgħet tressaq lil dawn it-tnejn bil-qtil ossia omiċidju ta' Albert Brian Rosso.

Minkejja li meta tressqu dawn il-persuni ddikjaraw li ma humiex ħatja, kienu laħqu rrilaxxjaw stqarrijiet fejn kienu ammettew li qatlu lill-imsemmi Albert Brian Rosso fl-10 ta' Ottubru 2005 fil-garaxx ta' Anthony Bugeja. Geżwruh kif setgħu u ramewh fil-baħar fil-waqt li ħallew il-vettura tiegħu ftit 'l bogħod mir-residenza ta' Anthony Bugeja u ramew iċ-ċwievet tal-imsemmija vettura.

Waqt l-istruttorja saħansitra u għalhekk wara li kienu tressqu, fis-26 ta' Ottubru 2005 saħansitra indikaw f'liema żona tal-baħar ramew il-katavru u anke provdew il-co-ordinates taż-żona inkwistjoni. Fl-10 ta' Novembru 2005 il-Maġistrat ta' l-Istruttorja ddeċieda u kkonkluda li prima facie kien hemm biżżejjed provi biex tinħareġ att ta' akkuża kontra t-tnejn imsemmija u fl-14 ta' April 2008 l-Istat iddikjara li ma għandux aktar provi fil-konfront ta' l-akkużati.

Fit-22 ta' Ġunju 2022, il-Qorti tal-Appel Kriminali kkonfermat is-Sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Frar 2022 li kemm l-istqarrijiet u kif ukoll id-dikjarazzjonijiet li għamlu l-akkużati għandhom jiġu imwarrba peress li dawn ma kinux assistiti minn avukat meta rrilaxxjawhom u għalhekk ma kinux ammissibli. B'Sentenza tal-Qorti Kriminali datata 17 ta' Ġunju 2023 iż-żewġ persuni msemmija ġew illiberati minn kull akkuża u imputazzjoni.

Il-katavru ta' Albert Brian Rosso baqa' ma nstabx u dan għaliex li kien intefa' fi profundita' kbira tal-baħar apparti li fiż-żona in kwistjoni kien isir u

baqa' jsir dumping ta' materjal inert tal-Kostruzzjoni. Ir-rikorrenti jsostnu li dan id-dumping kien wieħed illegali u xorta waħda baqa' għaddej. Sabu wkoll diffikultajiet sabiex ottjenew iċ-ċertifikat tal-mejjet għal snin twal.

Għalhekk ir-rikorrenti qegħdin jagħmlu dan ir-rikors minħabba l-mod kif ġew kondotti l-proċeduri biex sal-lum għad ma għandhomx closure tal-każ bl-effetti detrimentali kollha li kellu fuqhom.

**Punti ta' Liġi**

Ir-rikorrenti qegħdin jinvokaw il-ksur ta' l-Artikolu 33 u 2 rispettivament tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni:

Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "*Ħadd ma jista' jiġi pprivat mill-ħajja tiegħuintenzjonalment ħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reatkriminali skont il-liġi ta' Malta li tiegħu jkun ġie misjub ħati.*" Fil-waqt li artikolu 2 tal-Konvenzjoni jiddisponi li "*Id-dritt għall-ħajja ta' kulħadd għandu jiġi protett b'liġi. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-ħajja tiegħu intenzjonalmentħlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti wara li jiġi misjub ħati ta'delitt li dwaru tkun provduta mil-liġi din il-piena.*"

In kwantu għall-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni fis-**Sentenza fl-ismijiet James Agius vs Avukat Generali et, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru 2015,** intqal hekk:

Li min jallega ksur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni flimkien mal-artikolu 2 tal-Konvenzjoni għandu jifhem is-segwenti u ċioe' li l-kliem tal-artikolu 33 mhuwiex eżattament l-istess bħat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza '*Everyone's right to life shall be protected by law*'.

Dan il-prinċipju assolut mhuwiex rispekkjat fl-artikolu 33 li jinkorpora biss it-tieni frażi tal-artikolu 2. Wieħed jista' jirraġuna li din il-frażi tħalliet barra appożitament u għalhekk l-artikolu 33 jitkellem biss dwar indħil dirett mill-Istat. Iżda dan l-artikolu għandu jingħata l-istess applikazzjoni bħall-artikolu 2 tal-Konvenzjoni għal diversi raġunijiet.

L-ewwel nett hu paċifiku li r-responsabbilita' ġuridika temani mhux biss minn att pożittiv u dirett, imma anke minn att ta' omissjoni fejn persuna tonqos milli tagħmel dak li hu mistenni raġonevolment minnha. Għalhekk att ta' omissjoni jista' jkun leżiv daqs att ta' kommissjoni.

Inoltre, l-obbligazzjoni sanċita bl-artikolu 33 hija waħda essenzjalment tal-protezzjoni tal-ħajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal-Istat. Dan jirrikjedi li l-Istat għandu jkun marbut mhux biss milli jindaħal fit-tgawdija ta' tali dritt imma anke li jieħu miżuri pożittivi biex jassigura t-tħaris tad-dritt altrimenti dan l-artikolu jkun wieħed dgħajjef u ineffettiv.

**Konsiderazzjonijiet**

Bħala eċċezzjoni preliminari, l-intimati jqanqlu l-punt li r-rikorrenti naqsu milli jeżawrixxu r-rimedji ordinarji a disposizzjoni tagħhom u għalhekk din il-Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali u konvenzjonali ai termini tal-proviso 46(2) u 4(2) tal-Kostituzzjoni u ta' Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel xejn il-Qorti tiddeplora, kif f'każi bħal dawn tingħata eċċezzjoni bħal din mingħajr ma jingħad liema azzjoni ordinarja kienet disponibbli għar-rikorrenti. Għalhekk biss din l-eċċezzjoni wkoll għandha tkun miċħuda

għaliex ma huwa fier xejn li n-naħa l-oħra trid toqgħod tiskopri x'kellu f'moħħu l-intimat meta ta eċċezzjoni bħal din. Din hija l-posizzjoni li tieħu din il-Qorti meta per eżempju tingħata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mingħajr referenza għall-artikolu tal-liġi għaliex eċċezzjoni bħal din tista' iġġib fix-xejn l-azzjoni li tkun qed tiġi esperita. Dan ir-raġunament għandu jkun applikabbli anke fil-każ bħal eċċezzjoni bħal dik li qed tkun eżaminata. Għalkemm mhux l-obbligu tal-Qorti li tipprova tiskopri liema hija l-azzjoni ordinarja li kellhom ir-rikorrenti għad-disposizzjoni tagħhom, b'sens ta' ġustizzja, din il-Qorti tifhem li r-referenza impliċita magħmula mill-intimati hija dik ta' l-azzjoni ordinarja għad-danni, tant hu hekk, li anke qamet fil-kors tas-smiegħ meta l-intimati staqsew lir-rikorrenti jekk qattx għamlet Kawża għad-danni.

Issa r-rikorrenti Mary Rose Rosso tixhed li l-avukati tagħha tawha parir li ma tagħmilx Kawża lil Anthony Bugeja u Di Bartolo għaliex ma kellhom xejn (a' fol 66). Għalhekk din il-Qorti fehmet, li l-avukati tagħhom kienu tal-parir, biex ma jagħmlu ebda kawżi għad-danni għaliex anke jekk jirbħuha, kull ma jkunu jistgħu jagħmlu hu li jdendlu dik is-sentenza mal-ħajt. Fl-aħjar ipoteżi, setgħu jirbħu kawża u biex jitħallsu bit-terturi jew jaqtgħu qalbhom li qatt jistgħu jitħallsu.

Kif ġie diversi drabi osservat kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) l-akkoljiment o meno ta' "eċċezzjoni" ibbażata fuq il-proviso in kwistjoni jew addirittura l-applikazzjoni ex officio tal-proviso mill-Qorti hu fid-diskrezzjoni ta' l-istess Qorti.

"*Il Qorti la trid li jsiru kawzi kostituzzjonali bla htiega u lanqas tista' timpedixxi cittadin milli jippromwovi azzjonijiet simili meta jidher 'prima facie' li għandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem"* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Oliver Siracusa nomine -vs- L-Onorevoli Prim Ministru noe, P.A. tal-21 ta' Jannar 1988, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Novembru, 1989**; ara wkoll dik **fl-ismijiet ta' Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et, P.A. tat-28 Settembru 1990, ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Jannar, 1991**).

Fi kliem ieħor, id-diskrezzjoni taħt il-proviso in kwistjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, biex min-naħa l-waħda l-Qrati ma jiġux inondati b'kawżi li jistgħu jiġu determinati minn Qrati oħra u/jew bi proċeduri oħra, u min-naħa l-oħra l-individwu ma jiġix imċaħħad mir-rimedji li hu għandu dritt għalih taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap. 319. Dan il-ħsieb ġie espress bl-aktar mod ċar mill-**Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sentenza tagħha tal-5 ta' Diċembru, 1986 fil-kawża fl-ismijiet Tonio Vella -vs- Kummissarju tal Pulizija et, deċiża finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991,** fejn intqal hekk:

"*Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process*

*kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qiegħed ifittex ir rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz għandhom jigu ezaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setgħat tagħha".*

Iżda din il-Qorti żżid tosserva, li trid tkun sodisfatta li l-mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrenti. Il-mezz xieraq ta' rimedju jrid ikun wieħed potenzjalment effettiv – ċioe` wieħed li jista', jew seta kieku ġie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma, jew li altrimenti jagħmel tajjeb għal dak il-ksur, per eżempju billi l-att leżiv jiġi ddikjarat null għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi b'mod li l-vittma jitqiegħed fl-istatus quo ante. Kollox jiddependi, kif ingħad, fuq il-fatti speċi partikolari tal-każ.

Issa din il-Qorti tirrileva, li r-rikorrenti ma humiex ut sic jgħidu biss li l-awtoritaijiet ma għamlux xogħol sewwa iżda wkoll li l-apparat Istituzzjonali fih innifsu huwa difettuż, kif ser ikun spjegat aktar 'l isfel. Għalhekk, skond din il-Qorti, l-azzjoni taħt l-artikoli 1030 et sequens tal-Kodiċi Ċivili f'dan ir-rigward ma jistgħu qatt joffru l-mezz u rimedju effettiv.

Di pju taħt il-liġi ordinarja ma hux garantit li r-rikorrenti ser ikunu adegwatament ikkumpensati, għaliex kif spjegat, dan jiddependi minn kemm huwa solvibbli d-debitur, mentri bis-saħħa ta' azzjoni kostituzzjonali, jekk tirnexxi kull kumpens kemm pekunjarju u kif ukoll non-pekunjarju

huwa garantit għaliex f'dan il-każ huwa l-iStat li jrid iħallas. B'kawża ordinarja ma hemmx garanzija li l-ksur ser jintemm. Apparti dan, hija din il-Qorti li tista' tagħti danni non-pekunjarji u ebda azzjoni ordinarja ma tista' tagħmel dan u jekk kien hemm każ fejn iridu jingħataw dawn ix-xorta ta' danni jekk qatt, dan huwa l-każ.

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tkun respinta.

**Konsiderazzjonijiet**

Dan ir-rikors jippresenta każ li huwa kemm xejn insolitu u miżerabbli. B'miżerabbli l-Qorti ma tifhimx li rriskontrat xi miżerja materjali. Li trid tfisser hu, li huwa każ fejn omm u bint kienu ilhom kważi 20 sena jistennew biex isiru jafu sewwa sew x'ġara mil-kadavru ta' l-għażiż żewġ u missier.

Kważi kawżi l-Qorti sabitha diffiċli biex tara min fejn għandha tibda. Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tittrata l-każ b'mod ġenerali.

Il-Qorti tgħid li parti mill-martirju li għaddew minnu r-rikorrenti ma jaħtux għalih għal kollox l-Awtoritajiet lokali. Meta Anthony Bugeja u Di Bartolo rrilaxxjaw l-istqarrija, dak iż-żmien l-istat tal-liġi kien tali li ma kienx hemm bżonn l-assistenza ta' avukat. Kien biss aktar tard, li fil-mori tal-proċeduri kontra tagħhom li l-istat tal-liġi nbidel fis-sens li kien hemm ħtieġa tal-assistenza tal-avukat meta tkun rilaxxjata stqarrija (Ara a' fol 12 ara artikolu 355AT tal-Kodiċi Kriminali). Din il-bidla fil-liġi daħlet fl-2010 u b'konsegwenza ta' Sentenzi mogħtija mill-ECHR. Biex għalhekk kull stqarrija li għamlu l-akkużati kellha tkun skartata kif spjegat aktar 'l fuq.

Issa L-Assistent Kummissarju Louise Calleja tispjega li ma tistax tieqaf tinvestiga għax ikollok il-prova reġina jiġifieri l-ammissjoni. Trid iġġib aktar provi (a' fol 105). Danny Rosso, li jiġi hu Brian, jgħid li meta tkellem ma' l-Ispettur Pullicino dan qallu, li għandhom ammissjoni u anke jafu fejn ħbew l-iskrataċ li sparaw bihom (a' fol 115 tergo).

Dan kien barmil mimli konkos li fil-qiegħ kellu l-iskrataċ li ġew sparati lejn Brian Rosso. Ritratt ta' dan il-barmil anke jidher fil-provi tal-Maġistrat inkwirenti. Dan instab fid-dar ta' Anthony Bugeja. La ġie mkisser bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex jinstabu dawn l-iskrataċ u wisq anqas ġie esebit. F'dan ir-rigward huwa l-Istat li jrid jassigura li qed jadopera sistema tajba kemm fi stadju ta' l-investigazzjoni u anke meta jkun qiegħed jiġi presentat il-każ il-Qorti. Jingħad li l-Awtoritajiet "... *cannot leave it to the initiative of the next of kin either to lodge a formal complaint or* <u>*to take responsibility for the conduct of any investigative procedure*</u>*s* (ara ***İlhan v. Turkey*** **[GC], no. 22277/93, § 63, ECHR 2000-VII Emfażi tal-Qorti**).

Persuna li setgħet titfa' dawl fuq x'ġara kienet Emanwela Bugeja mart Anthony Bugeja. Il-Qorti hija konsapevoli, li din ma kinitx xhud kompellabbli għax tiġi mart l-imsemmi li kien ko-akkużat (Art 635 tal-Kodiċi Krminali). Din xehdet, veru b'mod xott għall-aħħar, quddiem il-Maġistrat inkwirenti. F'dan ir-rigward, takkwista importanza l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-Avukat Generali: " *... izda l-Avukat Generali bid-diskrezzjoni fdata lilu bil-ligi miz-zmien meta inharget l-Att tal-Akkuza jidher li kien inċert jekk l-appellati kellhomx ikunu proċessati flimkien jew*

*separatament fejn fil-bidu kienet saret is-seperazzjoni tal-gudizzju fuq talba tal-imsemmi Avukat Generali, izda snin wara rega' biddel il-fehma u talab biex il-proċessi taz-zewg appellati jerggħu jingħaqdu flimkien."* (a' fol 17 tergo u a' fol 82 tal-proċess kriminali).

Il-Qorti Kriminali f'digriet in camera tat-18 ta' Frar 2015 wkoll osservat, li s-separazzjoni tal-ġudizzju loġistikament kienet tagħmel ħafna sens u fl-istess ħin reġgħet iddiferiet sine die. Dan ifisser, li, li kieku l-Avukat Generali żamm il-ġudizzju separat, mart Anthony Bugeja setgħet tkun produċibbli bħala xhud fil-każ ta' Di Bartolo, ovvjament bid-dritt li titlob li ma tweġibx għal ċertu mistoqsijiet li jistgħu jinkriminaw lil żewġha.

Veru li din hija kwistjoni ta' natura proċedurali imma anke hawn, l-ECHR tispjega li "*The procedural obligation binds the State throughout the period in which the authorities can reasonably be expected to take measures aimed at elucidating the circumstances of a death <u>and establish responsibility for it</u>*" (Ara **Šilih v. Slovenia [GC], 2009, § 157 Emfażi tal-Qorti**). Għalhekk meta l-Avukat Generali reġa' għaqqad il-ġudizzju, ċaħħad lilu nniffsu milli jressaq minn din il-prova, bħal fil-każ tal-prova l-oħra tal-barmil bl-iskrataċ, kif ukoll fid-dawl ta' l-isfilz ta' l-istqarrija. Dawn ċertament kienu jiksbu valur probatorju. Tajjeb li jingħad li, li kieku sar is-separazzjoni tal-ġudizzju u mart Anthony Bugeja ssejħet bħala xhud f'sitwazzjoni bħal din kienu jkunu applikabbli l-effetti ta' l-Artikolu 633(2) u mhux 635 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti hija konvinta li dan ma sarx b'intenzjoni, iżda kif osservat l-istess Qorti, l-intimat Avukat Generali wera li kien indeċiż.

Iżda għar minn hekk fil-mument li kienu qed isiru l-investigazzjonijiet, partikularment meta bdiet it-tfittxija tal-kadavru, l-affarijiet setgħu saru aħjar. Li kien hemm *in ballo* kienet kwistjoni ta' ġustizzja, mhux biss mal-mejjet iżda anke mar-rikorrenti li bdew jagħmlu li jistgħu biex ikollhom *closure*. Kif ġie osservat fis-Senetenza ta' ***R.K. and A.K. v. the United Kingdom*, no. 38000/05, § 36, 30 September 2008)** "*whether or not an investigation had been conducted properly had to be assessed ex ante, on the basis of the facts known when the decision was taken, and not ex post facto. An investigation was defective for the purposes of the Convention if the shortcomings identified undermined its capability of establishing the circumstances of the case or the persons responsible"* (Ara wkoll il-każ ta' **Makaratzis kontra Greċja deċiża fl-20 ta' Diċembru 2004**). F'dan l-istadju l-Qorti tfakkar li "*The object and purpose of the Convention as an instrument for the protection of individual human beings also requires that Article 2 be interpreted and applied so as to make its safeguards practical and effective"* (Ara **McCann and Others v. the United Kingdom, tas-27 ta' Settembru 1995, pp. 45-46, §§ 146-47**).

F'dan ir-rigward l-Istat wera li ma għandux snin u mezzi biex jikkonserva x-xena tad-delitt. Fejn intefa' il-kadavru kien qed isir u baqa' jsir dumping ta' materjal inert. Indipendentement mill-fatt jekk kienx illegali jew le u indipendentement mill-fatt li jekk fil-mument ma kienx hemm mezzi adegwati biex jittella' l-kadavru, id-dumping kellu jieqaf. Il-Qorti tista' taħseb x'ħassew ir-rikorrenti meta kienu jafu li l-kadavru ta' Brian Rosso kien f'żona

fil-baħar fejn kien x'aktarx qed jindifen bl-aktar mod xejn dekoruż bir-radam inert.

Fl-2009, erbgħa snin wara l-għibien ta' Brian Rosso l-ġurnali rraportaw kif baqa' jsir id-dumping f'ammonti kbar f'dawk in-naħat tal-Free Port u anke ddeskrivewha bħala *"a veritable underwater Magħtab"* (a' fol 52). L-Assistant Kummissarju Louise Calleja tikkonferma li fejn tawhom il-co-ordinates stabbilew li kienet dumping site (a' fol 95).

Aimee Brincat, uffiċjal tal-MEPA, xehdet li f'Lulju 2006 bdew jirċievu lmenti dwar allegat rimi ta' skart fil-baħar minn barge li jimtela' fil-Freeport u joħroġ jarmi eżatt kif joħroġ mill-Freeport u jerġa' jidħol. Fis-26 ta' Lulju marret tispezzjona, rat barge jitgħabba b'materjal ta' skavar, ċemplet is-sezzjoni tagħha, il-Waste Management Unit, fejn tkellmet ma' ċertu Mark O'Neill biex tistaqsih jekk il-barge Saulus kellux permess jarmi l-materjal dakinhar, u dan weġibha li ma kienx hemm tali permess.

Għalhekk ċemplet lit-turretta biex tinfurmahom li dan il-barge ma kellux permess joħroġ mill-port. Meta rritornat l-uffiċċju, pero`, ġiet infurmata li kien hemm PA permit nru. 5614/94. Sussegwentement saret laqgħa fit-18 ta' Awwissu 2006 fejn kien hemm ukoll il-Perit Joe Bugeja li ndika li kien hemm l-imsemmi permess. Skond ix-xhud, hi qaltlu li dak ma kienx biżżejjed għax kien hemm bżonn permess ta' l-ippjanar u permess ta' l-ambjent. Qalet li l-Perit Bugeja nfurmaha li kien diġa` applika mal-Waste Management Unit. Ix-xhud qalet li dan il-permess eventwalment ħareġ.

Lance Bombardier Michael Pizzuto xehed li hu jaħdem it-turretta, il-Palazz, u hu kien irċieva telefonata mingħand il-harbour master fil-21 ta' Awwissu 2006 fis-sens li l-hopper barges Saulus u Paulus m'għandhomx permess jarmu. Fil-waqt li Joe Bianco, hydrographer mal-Malta Maritime Authority, xehed illi l-Awtorita` kienet ħarġet permess lill-Malta Freeport biex jistgħu jmorru jarmu dredged material fid-dumping area offshore, il-Valletta Spoil Ground. Ix-xhud esebixxa Dok JB li jidher li nħareġ fit-23 ta' Marzu 1995.

Elysia Borg, environment inspector mal-MEPA, xehdet li daħlet fil-każ fit-18 ta' Awwissu 2006 u attendiet il-laqgħa fejn kien hemm preżenti, inter alia, il-Perit Bugeja. Tgħid li waqt din il-laqgħa spjegawlu li r-rimi ta' terrapien fil-baħar ma kienx permissibbli speċjalment bil-barge li kienet qed tintuża li ma kellhiex permess u hu tagħhom garanzija li mhux se jkompli din l-operazzjoni. Tgħid li "permessi ta' barges li kien jeżisti kien hemm ta' Bezzina; dan kellu permess biex jiddumpja fil-baħar dredged material. Issa, f'dan il-każ, it-terrapien li kien qed skond l-informazzjoni li għandi jien jiġifieri, it-terrapien li kien qed jintrema mill-barges ma kienx dredged material". Jidher ċar li l-id il-leminija ma kinitx taf x'qed tagħmel ix-xellugija biex b'hekk ma hemm ebda dubbju li jrid ikun miraklu biex sal-lum il-kadavru ta' Brian Rosso ma hux mirdum taħt dan id-dumping.

Meta pero' kien għad hemm iċ-ċans li jsibu l-kadavru fi żmien bikri wara li għeb, l-Awtoritajiet bdew jaqtgħu qalbhom għaliex milli jidher ma kellhomx il-mezzi. Il-Kummissarju għarraf lir-rikorrenti li ma kinux ser ikomplu jfittxu għall-kadavru għaliex wieħed mid-divers twerwer minn xi ħuta kbira (a' fol

63). Qatt ma nfurmawha jekk kinux lemħu xi ħaġa (a' fol 63 tergo). Desiree tgħid li l-Ispettur Chris Pullicino qalilhom li kienet żona kbira u li kien hemm ħafna spejjes involuti (a' fol 75 tergo). John Gera, Manager tar-Rescue Department jgħid li provaw jitolbu assistenza għal aktar apparat sofistikat għaliex mingħajru ma setgħux ikomplu iżda dan l-apparat qatt ma wasal.

L-awturi josservasw li taħt artikolu 2 tal-Konvenzjoni *"it is not life, but the right to life, which is protected by the law"* (Ara **J.E.C Fawcett The application of the European Convention on Human Rights, "nd Ed, Oxford, pg 37**). Issa għal din il-Qorti d-dritt għal ħajja jikkomprendi d-dritt ta' dawk li leġittimament jixtiequ jkunu jafu x'sar sewwa sew mill-ħajja ta' qarib tagħhom li jkun għeb. Għalhekk f'dan il-każ kien l-obbligu ta' l-iStat kif rappresentat mill-intimati, li jfittex l-aħjar apparat possibli biex il-kadavru jinstab u mhux dak li jkun jaqta' qalbu minħabba l-ispejjes. Din kienet deċiżjoni li riedet tittieħed malajr għaliex kif rajna d-dumping baqa' għaddej biex għalhekk kull ġurnata li tgħaddi kienet waħda mitlufa.

Imma biex tassew jintefa' l-melħ fil-ferita f'dan il-kuntest huwa importanti dak li jgħid hu Brian, Danny Rosso. Dan avviċina lill-Ambaxxata Taljana biex forsi waqt li jkunu Malta jagħmlu xi eżerċizzji ta' taħriġ taħt il-baħar u jgħinuhom ifittxu l-kadavru. L-ambaxxatur qallu li kien lest, imma qallu li ried il-kunsens tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Dan il-Ministeru informah li jridu mingħand il-Pulizija u l-Pulizija bħal donnhom tawh x'jifhem li mhux minnhom jiddependi iżda mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin (a' fol 117 tergo). Din ix-xhieda ma hiex kontradetta u la tressqu rappresentanti

mill-Ministeru u lanqas mill-Pulizija biex jikkonfutaw dan. Jiġifieri, l-Istat mhux biss ma hux mgħammar jew ma għamilx ħiltu biex ikun, iżda anke ma ħax l-inizjattiva biex jingħata din l-għajnuna mill-Italja. Dan kollu qiegħed jingħad meta jemerġi li l-Korp tal-Pulizija m'għandux divers (a' fol 101 tergo). Fil-fehma tal-Qorti mankanza Istituzzjonali oħra. Fir-rapport tiegħu, Albert Tabone jissuġerixxi l-użu ta' ROV jew ta' apparat tad-diving aktar sofistikat biex jiġi stabbilit jekk oġġett li kien wisq fil-fond kienx il-kadavru ta' Brian Ross (a' fol 102).

Issa dan kollu jikseb importanza għaliex minħabba li ma nstabx il-Kadavru u dam biex joħroġ iċ-ċertifikat tal-mewt, bil-problemi kollha li dan il-fatt ġab lir-rikorrenti u anke minħabba li fil-ġuri beda jkun argumentat li ma jistax ikun hemm omiċidju mingħajr il-prova tal-mewt. Issa l-Qorti tifhem, li r-rikorrenti kellhom kull interess li jinħareġ dan iċ-ċertifikat, iżda min-naħa l-oħra, kemm il-Pulizija u kif ukoll il-prosekuzzjoni, konsapevoli li dan kien meħtieġ minħabba dak li ngħad aktar fil-ġuri, ma urew ebda ħeġġa u interess biex dan ikun ottjenut qabel ma jagħlqu l-provi tagħhom.

Apparti dan kollu, ir-rikorrenti tixhed li żewġha kien ta' spiss jgħidlilha li qed ikun mhedded u li ma kellux ħajja twila u kien jibża' meta jara targa Taljana għalkemm huma kellhom ħafna ħbieb Taljani (a' fol 61). It-tifla, Desiree tixhed li missierha kien jindika lil Anthony Bugeja li kien impjegat miegħu. Din tgħid li sar rapport lill-Ispettur Rizzo dwar dawn it-theddid (a' fol 69). L-Assistent Kummissarju tikkonferma li r-rikorrenti kienet infurmatha li żewġha kien qalilha li kien mhedded (a' fol 90 tergo).

A' propositu tar-rapporti li saru l-Kummissarju John Rizzo jixhed b'mod ċar u jistħoqq li x-xhieda tiegħu tiġi riproddotta in extenso minħabba l-importanza tagħha:

"*Brian Rosso għalija kien ifisser xi haga, kien ifisser li madwar xahar u nofs qabel kien talab appuntament miegħi bhal hafna u kont smajtu u kien qalli li kien qed ihossu mhedded għax kien <u>gie mhedded minn xi sqallin, wiehed minnhom partikolarment li kien jahdem miegħu bhala partner fl-iskuna li kellu.</u> Fuq dawn l-affarijiet jiena tajtu pariri biex ma jitlax lejn Sqallija u lejn Palermo u lejn Catania u t-tieni peress li skond hu dawn kienu jigu bil-lanca Malta, M'Xlokk partikularment, għedtlu wkoll li jekk jara l-icken għajn hazina u l-icken suspett huwa kellu jinfurmani minnu fih … niftakar li kien semmieli persuna ohra maltija u li kellu certu suspetti fiha pero' mingħajr provi ta' xejn. Sempliciment għax kien habib ma' dawn it-Taljani. <u>Xi erbgħat ijiem qabel</u>, kif kont qed ngħid, <u>qabel ma gie nieqes</u>, kien qalli li din il-persuna Maltija minn M'Xlokk kien qed jaraha fil-kumpanija ta' persuna li fl-opinjoni tiegħu <u>kienet persuna notorja u għaldaqstant beda jissuspetta hazin</u>. Jiena fuq din l-informazzjoni kont wegħdtu u fil-fatt għamilt li kelli nindaga b'mod diskret sakemm ma kien hemm ebda xi haga li dawn b'xi mod avvicinawh jew heddewh, sempliciment presenza, għedtlu li jiena kelli nindaga b'mod diskret biex nara l-presenza ta' din il-persuna ma' din il-persuna l-ohra u li kien qalli li hija minn M'Xlokk. Fil-fatt ngħid li kont iccekkjajt u minn dak li jiena irrizultali, il-presenza tagħhom kienet ilha għaddejja għal zmien twil u kien hemm certu <u>biex ngħidu hekk bounds ta' hbiberija bejniethom.</u> Ma*

*kelliex cans ninfurmah bir-rizultat tal-indagini li kont għamilt"* (Ara xhieda tiegħu fil-Kumpilazzjoni. Emfażi tal-Qorti).

Dan ifisser li l-Pulizija kienu allertjati minn Brian Rosso. Issa f'dan ir-rigward intqal *"... Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of unjustified force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction* (Ara **L.C.B. -vs- the United Kingdom, 9 June 1998, § 36, Reports 1998-III, is-Sentenza ta' Paul and Audrey Edwards kontra r-Rneju Unit tal-14 ta' Marzu 2002, § 54**). F'din is-Sentenza ntqal ukoll b'mod l-aktar car li "*Bearing in mind the difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources, the scope of the positive obligation must be interpreted in a way which does not impose an impossible or disproportionate burden on the authorities. Not every claimed risk to life, therefore, can entail for the authorities a Convention requirement to take operational measures to prevent that risk from materialising. For a positive obligation to arise, it must be established that the authorities knew or ought to have known at the time of the existence of a real and immediate risk to the life of an identified individual from the criminal acts of a third party and that they failed to take measures within the scope of their powers which, judged reasonably, might have been expected to avoid that risk".*

F'dan ir-rigward takkwista importanza x-xhieda tat-tifla tar-rikorrenti meta tgħid kif meta marru jagħmlu r-rapport li Brian kien nieqes l-ispettur Anthony u "*everyone went into a panic gew il-Pulizija id-dar, qalulna għalqu kullimkien ... u sort of bdew jifthu l-kxaxen, iqallbu kullimkien u jiena u l-mama' bqajna sort of, what's going on"* (a' fol 69 tergo). Dan il-passaġġ jindika li l-Pulizija bħal donnhom kienu qegħdin jistennewha ġejja u l-miżuri li ħadu wara li ġie nieqes Brian Rosso kien ikun aħjar li ħaduhom qabel ma għeb bħal per eżempju jistazzjonaw Pulizija mad-dar tal-familja Rosso. Il-Qorti tħoss li meta saru jafu li kien hemm Sqallin involuti u b'wieħed indikat li kien jaħdem fuq l-iskuna ta' Rosso, bl-indikazzjoni ċara għal Di Bartolo, messhom ħadu miżuri ta' natura preventiva ta' l-inqas għal ċertu perjodu.

Ikkunsidrat li r-rikorrenti mhux biss ma kellhomx *closure* iżda saħansitra kellhom mumenti meta l-istess persuni li ammettew li qatlu lil Brian Rosso baqgħu jinsistu li jkollhom kuntatt magħhom. Desiree tgħid li maż-żmien beda jkollha l-*panic attacks* u saħansitra għamlet sena ma tmurx għax-xogħol u lanqas toħroġ barra. Għamlet numru ta' snin tieħu terapija u kif ukoll medikazzjoni taħt il-psikoterapista Dorothy Scicluna *"... Dan kif qed ngħidu gie jgħannaq lill-mama' 'l għada li wettaq l-att. Taffettwa I mean"* (a' fol 76 tergo). Għadha għaddeja bit-terapija sal-lum (a' fol 77). Tgħid li lil Piero Di Bartolo għadhom jarawh għax jiġi viċin id-dar t'ommha biex ironikament imur il-gym (a' fol 81 tergo). Mhux hekk biss, dan ma kellux temenza milli jidħol fid-dar tar-rikorrenti meta kkonsenja *fridge u freezer*,

mentri Anthony Bugeja bil-wiċċ tost kollu saħansitra għamel kawża lir-rikorrenti Mary Rose Rosso biex jittenta jieħu nofs l-iskuna ta' żewġha, liema kawża ġustament tilef bil-konsegwenza li kemm damet għaddejja ċaħħad lir-rikorrenti milli jipprelevaw ir-rikavat kollu tal-bejgħ tagħha (a' fol 65 tergo).

Desiree tikkonferma li l-Ispettur Chris Pullicino kien iċempel lil ommha u jagħti ftit updates (a' fol 78 tergo). B'dana kollu tgħid ukoll li saru jaf x'ġara jew ma ġarax mill-aħbarijiet (a' fol 71 tergo). L-ewwel darba li saru jafu li tawħ tlett tiri u għamlulu mażra ma' saqajħ u ħarġuh fuq il-baħar mill-aħbarijiet (a' fol 72). Saru jafu l-ewwel darba li missierha għajjat ajma għax l-ewwel intlaqat fi spalltu u imbagħad f'wiċċu u f'rasu waqt is-seduti tal-Qorti (a' fol 73). Lilha ma tellgħuhix xhud meta kienet hi li osservat li kien hemm verżjonijiet differenti bejn Anthony Bugeja u martu u lill-Pulizija qaltilhom b'dan (a' fol 74). Ma hemm ebda dubbju li l-familja tal-vittma għandha tkun infurmata "with prompt" dwar fatti bħal dawn u mhux isiru jafu bihom bis-sorpriża mill-mezzi tal-media. Dan ċertament ikompli jżied ma' l-istress u l-mument ħażin li jkunu għaddejjin minnu l-familjari ta' vittma ta' rejat.

Fl-aħħar nett il-Qorti hija mmeraviljata kif każ bħal dan, li f'qasir żmien ingħalaq mill-Qorti Istruttorja, kellu jieħu s-snin biex ikun deċiż. Il-proċess għadda minn taħt erbgħa Imħallfin differenti. Ftit wara li beda l-proċess Kriminali fis-6 ta' Marzu 2009 Anthony Bugeja presenta kawża kostituzzjonali (a' fol 85 tal-proċess). Din il-Kawża ġiet presentata fuq direzzjoni tal-Qorti stess wara li ċaħdet it-talba għar-referenza. Din damet

tkarkar għal ħames snin, meta kieku intlaqat ir-referenza x'aktarx kienet iddum anqas. Huwa ben magħruf li dawn ix-xorta ta' Kawżi jsiru strateġikament biex dak li jkun jieħu ċ-ċans u jekk mhux ukoll biex il-memorja tax-xhieda meta jiġi l-mument li jixhdu tkun xi ftit jew wisq nixfet, kif fil-fatt ġara.

Għalhekk mill-21 ta' Mejju 2009 sas-7 ta' Mejju 2014 ma sar xejn quddiem il-Qorti Kriminali fid-dawl tal-Kawża Kostituzzjonali presentata minn Anthony Bugeja. B'uħud mid-differmenti mogħtija anke fuq sempliċi talba mingħajr raġuni. Imqar il-Qorti għamlet verbal wieħed fejn issollevitat lill-Qorti l-oħra li kellha tiddeċiedi l-Kawża Kostituzzjonali biex tispedixxi l-proċeduri.

Nel frattemp, l-akkużati anke ngħataw il-ħelsien mill-arrest biex waqt li huma komplew bil-ħajja tagħhom, ir-rikorrenti kienu għadhom jistennew ġustizzja, li kif rajna intemmet bil-liberazzjoni ta' l-akkużati. Fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2014 il-Qorti ġiet infurmata li l-Kawża l-oħra ġiet differita għall-25 ta' Ġunju għas-Sentenza wara li ġiet trattata t-tieni eċċezzjoni. Fis-Sentenza l-Qorti ordnat li l-kawża tmur sine die tistenna l-eżitu tagħha biex tinstema' bħala ġuri. Fid-29 ta' Ottubru 2015 kellu jkun appuntat il-Ġuri għall-4 ta' Ottubru 2016 sitt snin wara u ċioe' fil-15 ta' Frar 2022 ingħatat is-Sentenza mill-Qorti Kriminali li l-istqarrijiet/dikjarazzjonijiet ta' l-akkużati, kwalunkwe indikazzjoni jew referenza għalihom għandhom jiġu dikjarati ammissibbli u għalhekk għandhom ikunu sfilzati. Bis-saħħa ta' dan l-isfilz u

bil-kwalita povera ta' provi mressqa kien jidher ċar, li l-proċeduri kienu destinati għal-liberazzjoni ta' l-akkużati kif fil-fatt ġara.

Għalhekk sa fejn din il-Qorti setgħet tara mill-atti, ir-rikorrenti għandhom raġun biex ibiegħu. Huma u Brian Rosso kienu vittmi ta' sistema ħażina ta' kif ġiet iddispensata l-ġustizzja. Ħareġ ukoll ċar, li l-iStat huwa dgħajjef saħansitra biex jippriserva l-provi kif suppost u huwa wkoll defiċjenti għaliex ma huwiex imħejji biex jinvestiga b'mod sewwa u effettiv. Għalhekk huwa minnu li r-rikorrenti għandhom raġun fit-talbiet tagħhom.

**Rimedju**

Bħala prinċipju l-azzjoni kostituzzjonali hija intiża biex iġġib fix-xejn il-ksur tad-dritt u sa fejn ikun possibbli anke tqiegħed lil min huwa vittma fl-istatus quo ante. Fil-Kawża tal-lum dan ma hux possibbli għaliex il-Qorti ma għandiex il-poter li treġġa' l-arloġġ lura għal qabel id-data ta' l-10 ta' Ottubru 2005 jew li tqajjem lill-mejtin mill-mewt. Għalhekk l-uniku mod li bih tista' tagħmel ġustizzja mar-rikorrenti huwa bl-għotja ta' kumpens monitarju.

Minħabba dan kollu r-rikorrenti raw saħħithom tmur lura. Aktar 'l fuq diġa ġie rilevat kif it-tifla, Desiree kellha tieħu terapija fost oħrajn minħabba *panic attacks* u saħansitra xehdet it-terapista tagħha. Kwantu għal Mary Rose Rosso, sal-mument li kienet qed tixhed, ma kinitx qed tieħu penzjoni għaliex żewġha kien għadu mniżżel bħala ħaj. Għalhekk kienet kostretta li terġa' toħroġ taħdem allavolja meta kienet ħarġet bil-pensjoni fl-ammont ta' elf u mitt ewro fix-xahar li bdiet tirċievi mill-2021 (a' fol 64 u tergo). Tgħid li tul dan iż-żmien għexet bil-paga tagħha ta' teacher imma meta kien għadu

ħaj żewġha dan kien jagħtiha xi erbgħa mija u ħamsin liri antiki fix-xahar. Tispjega wkoll kif saħħitha marret lura billi minn dakinhar tal-għibien ta' żewġha ħarġulha diversi kundizzjonijiet mediċi.

Ma hemm ebda ombra ta' dubbju li r-rikorrenti huma vittmi ta' atti kriminali magħmula mhux mill-iStat, iżda minn terzi li kienu magħrufa, b'dana li s-sistema lil dawn ta' l-aħħar flok tathom dak li haqqhom, ġew premjati bil-liberazzjoni. Iżda l-iStat xorta jrid iwieġeb għan-nuqqasijiet fuq imsemmija. Dan il-każ huwa simili, għalkemm b'ilment għal kollox differenti, għal dak li tqanqal fis-**Sentenza tat-30 ta' Novembru, 2010 fl-ismijiet Professur (Emeritus) Edwin u Pearl konjuġi Grech u Kevin Grech -vs- L-Onorevoli Prim Ministru.** F'dik is-Sentenza anke jsiru referenza għal talbiet oħrajn magħmula minn familjari ta' qarib li kien maqtul bħal ma huma ħut Nardu Debono u kif ukoll Pietru Pawl Busuttil. Il-Qorti ma tħossx li għandha tittratta mar-rikorrenti b'mod differenti mill-familjari oħrajn f'każijiet bħal dawn.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tiffissa kumpens ta' tlett mija u ħamsin elf ewro (€350,000). Dan l-ammont qatt ma jista' jagħmel ġustizzja mar-rikorrenti għal dak li għaddew jew aħjar għaddewhom minnu. J'Alla dawk li huma responsabbli għall-mewt ta' Brian Rosso minħabba r-rebgħa tal-flus jieħdu dak li ħaqqhom meta jiġu quddiem min ħalaqhom biex jagħtu kont ta' għemilhom ta' dak li wettqu f'din id-dinja.

Sa fejn jirrigwarda lill-intimati, huwa manifestament ċar mill-provi li jemerġu mill-atti, li t-tlieta huma leġġittimi kontradittur. L-Avukat tal-iStat għandu

jwieġeb għaliex huwa responsabbli għall-makkinarju Istituzzjonali fallimentari f'din il-Kawża. Il-Kummissarju jrid iwieġeb għall-mod kif saru l-investigazzjonijiet u n-nuqqas ta' protezzjoni adegwata ta' Brian Rosso u l-Avukat Generali bħala l-Avukat tal-Istat fil-proċess Kriminali u allura għad-defiċjenzi fuq imsemmija.

Il-Qorti ser tkun qed tikkundanna lit-tlieta li huma solidalment bejniethom.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** rikorrenti.

**Tilqa' it-tieni talba** sa fejn possibbli u dan billi wkoll tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti fl-ammont ta' tlett mija u ħamsin elf ewro (€350,000).

**Tilqa' t-tielet talba** rikorrenti u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes għall-intimati solidalment bejniethom.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**